Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**ID-DISA' LEĠISLATURA 2024**

**SEDUTA NUMRU 14**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar il-Ħamis 23 ta'Jannar 2025 fil-16.46

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Jordan Galea Pace | - | Viċi Sindku |
| Miguel Balzan | - | Kunsillier (16.50) |
| Teresa Valentino | - | Kunsillier |
| Anna Pisani | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |
| Lucia Vassallo | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Segretarju Eżekuttiv

*Il-Kunsillier M. Abela talbet sabiex tkun skużata minħabba li kienet ma tiflaħx.*

Is-Sindku qal it-talba.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 14.1 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

### Mill-Viċi Sindku

14.1.1 Huwa nforma li xi residenti qed issibu diffikulta' meta jibbukjaw xi servizzi postali/ jew meta jiġu bżonn servizi ta' emerġenza biex issibu t-triq tagħhom- Triq is-Silla. Is-Sindku nforma li din it-triq ilha msemmija hekk għal iktar minn sena issa. Is-SE infurmat li dawn l-istess residenti jistgħu jagħmlu rapport mal-Google Maps sabiex dawn jaġġornaw sew l-ismijiet sew tat-toroq.

14.1.2 Rigward ir-rifreskar ta' sinjali sofor fi Triq il-Qawsalla, il-Viċi Sindku staqsa dwar meta huma pjanti li jsiru. Is-SE infurmat li dawn ma setgħux jsiru qabel ħabba l-maltemp u jekk it-temp jippermetti se jsiru għada.

14.1.3 Il-Viċi Sindku staqsa jekk hux possibli li tiġi offruta s-sala lill-istudenti biex jkunu jistgħu jistudjaw. Huwa offra li għal ġimgħatejn waqt li jkunu qed isiru l-eżamijiet, jiġi jagħlaq is-sala. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li jekk kemm-il darba is-sala tinżamm nadifa u tintuża biss għal skopijiet ta' studju, m'hemm l-ebda oġezzjoni diment li s-sala tissakkar mad-9pm. Is-SE infurmat li s-sala hija disponibli hekk kif indikat biss filgħaxija:

- It-Tnejn bejn il-17.30 u 21.00
- It-Tlieta bejn 19.30 u 21.00
- L-Erbgha bejn 20.30 u 21.00
- Il-Ħamis bejn 19.30 u 21.00
- Il-Ġimgħa bejn l-16.00 u 21.00 ( jekk ma jkunx hemm attivitajiet tal-Kunsill)
- Is-Sibt bejn 12.00 u 21.00( jekk ma jkunx hemm attivitajiet tal-Kunsill)
- Il-Ħadd ġurnata sħiħa ( ( jekk ma jkunx hemm attivitajiet tal-Kunsill)

14.1.4 Huwa ssuġerixxa li l-Kunsill jadotta l-istess miżura bħal Kunsill tax-Xagħra u jitwaqqfu permessi ta' *excavation* fil-lokalita' matul iż-żmien tal-eżamijiet. Is-Sindku nforma li fil-waqt li jaqbel ħafna ma' din il-proposta', il-perjodu tal-eżamijiet ivvarja ħafna u għalhekk huwa diffiċli ħafna li tagħżel għal liema eżamijiet se tkun qed twaqqaf dawn ix-xogħlijiet. Is-SE staqsiet x'se jiġri fil-każ li jkunu jridu jsiru xogħlijiet ta' *resurfacing* fit-toroq peress li dawn żgur huma xogħlijiet bżonnjużi għal lokalita'.

14.1.5 Il-Viċi Sindku talab sabiex tintalab kjarfika dwar jekk hux possibli li l-Kunsilliera jattendu għas-seduti tal-Kunsill b'mod virtwali jekk kemm-il darba jkun hemm raġunijiet validi. Is-SE infurmat li dan m'għadux possibli minħabba l-aħħar direttiva li inħarġet DLG.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 14.1 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

Mill-Kunsillier A.Pisani

14.1.6 Il-Kunsillier staqsiet dwar jekk traffic calmers ta' Triq il-Miżura sarux fuq rikjesti ta' residenti. Is-Sindku nforma li kull traffic calmer f'kull triq, dejjem saret fuq rikjesta tal-istess residenti u bl-approvazzjoni ta' TM.

14.1.7 Hija infurmat jekk għadx hemm il-pjan li ssir planter fi Triq Wied id-Dis ma' Triq il-Madliena fejn kien ġie installat l-bank b'memorja ta' Ben. Is-Sindku nforma li jekk hemm qbil, dan jista' jsir. Il-Kunsillier T. Valentino infurmat li resident tal-viċin huwa żgur kontra kull tibdil propost f'dil-kantuniera.

14.1.8 Hija staqsiet jekk hux possibli li jiġi mibdula *flushings* tal-*public toilets* għal kif kienu qabel peress li dawn tas-*sensor* mhux tajbin biex jibqgħu indaf. Is-SE infurmat li jekk kemm-il darba hemm qbil, din se tkun spiża addizjonali peress li dawn kienu inbiddlu permezz ta'skema tra-Reġjun.

Mill-Kunsillier L. Vassallo

14.1.9 Il-Kunsillier infurmat li bl-għajnuna tal-istaff tal-Kunsill, ippreparat u bagħtet l-applikazzjoni tal-Kunsill għal korsijiet ta' Lifelong Learning. Hija ssuġeriet diversi korsijiet ġodda ta' tagħlim fosthom Tai Chi apparti dawk li ġa jsiru fil-bini tal-Kunsill bħal Crochet/ Lace Making.

14.1.10 Hja ssuġerit li jibdew isiru ħarġiet edukattivi għal nanniet u neptujiet speċjalment fi żmien li jkun hemm vaganzi tal-iskola. Wara diskuzzjoni, ġie miftiehem li l-Kunsillier T.Valentino se tkun qed tieħu ħsieb torganizza l-ħarġiet għall-anzjani u l-Kunsillier L.Vassallo se tkun qed tieħu ħsieb dawn il-ħarġiet.

Mill-Kunsillier M.Balzan

14.1.11 Il-Kunsillier informa li hu se jkun qed jattendi għal laqgħa li ssir mar-Reġjun Lvant dwar l-attivita'sportiva għat-tfal tal-Għid il-Kbir li se ssir nhar it-Tlieta 4 ta' Frar fid-9am.

14.1.12 Huwa nforma li skont ilmenti li rċeiva jidher li hemm parti mill-bankina fi Triq il-Faxxina li hija kemmxejn perikoluża ( bejn il-bankina u rampa ta' garage partikolari). Is-SE infurmat li se tkun qed iżur dan is-sit għal iktar informazzjoni.

14.1.13 B'referenza għall-installazzjoni ta' mera ikbar fi Triq Sant Andrija k/m Triq tal-Ibraġ, il-Kunsillier informa li għamel kuntatt ma' uffiċċjal għoli dwar din il-possibilita'.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 14.1 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

Mill-Kunsillier Edgar Rossignaud

14.1.14 Il-Kunsillier informa li permezz ta'imejl issuġerixxa mod li jista' jiġi mplimentat sabiex kemm jista' jkun niffrankaw ħafna ħin. Hu ssuġerixxa li ċertu materji għandhom jiġu mistoqsija minn qabel is-seduta permezz ta'imejl. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.

14.1.15 Huwa staqsa dwar meta se jiskadi l-kuntratt li l-Kunsill għandu mal-Maltapost. Is-SE infurmat li se tiċċekja u tinfurmawh.

14.1.16 Il-Kunsillier issuġerixxa sabiex jiġu installati *hand-dryers* fit-toilets ta'ġewwa għall-istaff u l-Kunsilliera. Is-SE infurmat li bħalissa hemm xugaman u li jekk hemm qbil jistgħu jiġu installati dawn il-*hand dryers*. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

14.1.17 Huwa nforma li flimkien mas-Sindku u s-SE attenda għal laqgħa mal-President ta' Reġjun Lvant dwar il-possibilta' li Wied Għomor jiġi kklasifikat bħala *public domain*. Waqt din il-laqgħa ġie ssuġeriet:

- li ma jgħaddux vetturi kbar mit-trejqa bejn Swieqi u San Ġwann
- li din it-trejqa tingħalaq għat-traffiku f'xi ġranet bħal Ħadd

Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li napplikaw ma' TM dwar il-possibilta' li ma jgħaddux vetturi kbar mill-Wied. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Is-SE ħadet l-inkarigu li tapplika ma' TM.

Mill-Kunsillier T.Valentino

14.1.18 Il-Kunsillier infurmat li l-Active Ageing Group bl-għajnuna tal-istaff tal-Kunsill se jkun qed jiġu organizzati dawn l-attivitajiet:

- 25.02.25 – ħarġa għall-anzjani Dar Frate Jacoba, M'scala
- 21.02.25 – disco party għall-anzjani fi żmien il-Karnival (kulħadd jġib xorb/ikel tiegħu)
- 11.02.25 – sezzjoni informattiva fis-sala tal-Kunsill dwar kif wieħed jżomm ħajja sana u l-piż ikkontrollat

*Il-Kunsillier M.Balzan talab sabiex jiġi skużat. Il-ħin kien 18.26.*

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 14.1 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

<u>Mill-Kunsillier R.Scicluna</u>

14.1.19 Il-Kunsillier staqsiet jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar *zebra crossing* li kienet proposta ta' Triq il-Keffa. Is-SE infurmat li skont l-aħħar informazzjoni jidher li l-kuntrattur qed jistenna l-permess minn naħa ta' TM biex jkun jista' jibda' dan ix-xogħol ( RWP).

14.1.20 Hija staqsiet jekk hux possibli nibgħatu tfakkira lil Enemalta dwar il-proposta li saret fil-laqgħa li kellna maċ-Ċerpersin fejn kellhom jinbidlu l-bozzoz kollha tal-lokalita' għal LED. Is-SE ħadet l-inkarigu li tibgħat din it-tfakkira.

*Il-Kunsillier L. Vassallo talbet sabiex tkun skużata. Il-ħin kien 18.45.*

14.1.21 Il-Kunsillier staqiset jekk hux possibli tiġi rifreskata zebra crossing ta' Triq il-Qasam ħdejn *childcare Little Elephants*. Is-SE infurmat li se tiċċekja mal-kuntrattur jistgħux jsiru għada kif se jkunu fil-lokalita'.

14.1.22 Hija infurmat li l-bankina fi Triq il-Qantar k/m Triq F.X.Ebejer għadha żżomm l-ilma. Għaldasqtant talbet sabiex jekk hu possibli terġa' tiġi illivelata sew.

Din is-seduta spiċċat fis-19.15 u kien hemm qbil unanimu
li s-seduta li jmiss ssir nhar is-17 ta'Frar fl-16.30.